MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2008

Numru 1540/2007

PULIZIJA
SPETTUR KEVIN FARRUGIA
VS
MICHAEL HATHERLY

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Michael Hatherly ta' 40 sena, iben James u Josephine nee' Grech, imwieled Pieta' nhar it-2 ta' Settembru 1976 u residenti number '44', St. Venera Court, Flat 3, Triq il-Fawwara, Sta.Venera u detentur ta' karta ta' l-Identita' bin-numru 0352667(M).

Illi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer Maltin nhar it-2 ta' Settembru 2007 u fil-granet ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li jew maghmula b'risolizzjoni wahda;

1). B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haga b'ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' anqas minn elf lira Maltin (Lm 885.81) ghad-dannu ta' Forestals Appliances Ltd., Lisa Boutique, Michael Attard Imports Ltd., Scan Computers Ltd., Chaucer's Ltd., Go Mobile Ltd., Eurosport Ltd., Franks the Perfumery Ltd., Falcar Auto Centre, Swinger Ltd., Super Gold Jewellery, Gajet Ltd., Technology Ltd. u terzi persuni ohra.

2). Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittua jew fil-firem, billi halaq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

3). Xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza.

4). Ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentemnt ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

5). Xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhuhom jew imexxuhom, u cioe Quickcash credit card tal-HSBC mahruga f'isem Oscar Bugeja - Numru 098 002885 001 (Numru tal-kont 7813559) u diversi oggetti ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.5) u dak ta’ l-imputat tat-23 ta’ Ottubru 2008 sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat.

Semghet il-konferma ta’ tali amissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien xieraq ghal ripensament.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess amissjoni tieghu l-Qorti ssib lill-imputat, Michael Hatherly, hati skond l-akkuzi u wara li rat Artikoli 183, 184, 308, 334 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tillibera lill-imputat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi l-imputat huwa ‘a first offender’ u ghamel risarciment totali tal-pendenzi kollha mal-kwerelant qabel ma gew inizzjati dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------